MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Numru 520/2005

Il-Pulizija
(Spetturi Pierre Grech u Johann Fenech)

vs

Paul Borg u Jenesia Galea

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ 72179(m) u 533782(m) rispettivament, akkuzati talli fid-29 ta’ Mejju 2005 f’Birzebbugia ghall-habta tas-19.00hrs:

1. bi vjolenza jew theddid gieghltu ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x’taqsam ma’ dmirijiet taghhom;
2. fl-istess hin, lok u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiex vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li jkunu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-

awtorita' ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
3. fl-istess jum, hin u cirkostanzi ingurjaw jew ghamlu offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghawhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;
4. fl-istess lok, hin u cirkostanzi qalu fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti jew ghamlu atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offendew il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;
5. fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament kissru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
6. fl-istess lok, hin u cirkostanzi ma obbdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-ufficjali tal-Pulizija u ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor bla jedd indahlu fi dmirhom billi ma hallewx lill-haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gabu fix-xejn dak li haddieor ghamel skond il-ligi;

Lil Paul Borg wahdu:

7. li sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-21 ta' Novembru 2002 mill-Magistrat Dott.A.Micallef Trigona liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-imputazzjonijiet kontra l-imputati huma:

- fid-29 ta' Mejju tas-sena 2005 f' 'party' li kien gie organizzat f'Triq 'Pretty Bay' Birzebbugia, li kien taht sorveljanza tal-Pulizija, fosthom lis-skwadra kontra l-vizzju tad-droga, l-imputat Paul Borg gie osservat minn pulizija pajzan riesaq lejn vettura, jaqbad borsa minn go fiha u lemhu jaghti xi pinnola lil kull wahda minn zewg tfajliet li kienu qed akkompanjawh. Kif osserva dan, il-polizzjot ikkomunika mal-Ispettur inkarigat li intervjena flimkien ma' pulizija tal-iskwadra tieghu; twaqqaf l-imputat flimkien mal-ko-imputata u gew eskortati gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbugia; xi hin wara, izda mhux immedjatament, saru it-tficcijiet kemm fuq l-imputati u kemm fil-vettura. Dawn, pero', kellhom ezitu negattiv fis-sens li ma nstab xejn illegali.

Ezaminati l-imputazzjonijiet jigi notat li l-ewwel tlieta, per se ta' natura serja, jippotizzaw reati kontra ufficjali pubblici, ossija pulizija 'officio durante', billi bi vjolenza jew theddid geghelu ufficjal pubbliku li jaghmel jew li ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu, li attakkaw u rresistew ufficjal pubbliku u wkoll li ingurjaw, heddu, jew ghamlu offiza fuq ufficjal pubbliku. Fil-kuntest ta' dawn it-tlett imputazzjonijiet jirrisultaw pruvati sija t-tieni u sija t-tielet. Difficilment pero', fil-fehma tal-Qorti, tista' tirrizulta l-ewwel. L-inferenza hawnhekk hi li kien minhabba r-resistenza tal-imputati - konsistenti kemm fi vjolenza u kemm f'theddid – li gie ostakolat ghal xi hin t-tficcija fil-vettura bil-konsegwenza li giet sottratta kull evidenza li setghat talvolta tinstab fil-vettura. Effettivamt, ghalkemm dan jista' jkun minnu, u l-Qorti temmen li huwa minnu, dak li mhux ragjonevoli u verosimili li jitwemmen hu li l-Pulizija kienu imghelha ('compelled' fit-test Ingliz) li jipposponu ghal xi hin it-tficcija fil-vettura minhabba din l-attitudini tal-imputati u dan, qeghdha tghidu l-Qorti, fid-dawl tas-setghat ta' perkwisizzjoni li ghandha l-Pulizija taht l-Ewwel Taqsima tat-Tieni Ktieb, Artikolu 355L tas-Sub-Titolu IV.

Mill-kumplament u fir-rigward l-imputazzjonijiet l-ohra tali huma ta’ natura kontravenzjonali b’daqstant li fil-konfront tar-raba imputazzjoni m’hemmx provi li jsostnuha u dwar l-ohrajn, ossija l-hames u s-sitta, japplikaw r-regoli tal-konkors tar-reati, Artikolu 17(d) tal-Kap 9.

Tirrizulta invece l-ahhar akkuza diretta lejn l-imputat Paul Borg wahdu.

Dwar piena: waqt li qeghdha ssib l-imputati hatja tat-tieni u t-tielet imputazzjoni, madanakollu mhiex tal-fehma li ghandha tadotta il-piena ta’ prigunerija tenut kont il-fedina penali netta tal-imputata u il-fatt li fil-frattemp l-imputat temm b’success programm ta’ rijabilitazzjoni.

Tiddecidi, wara li rat l-Artikolu 95 u 96 tal-Kap 9:

- fil-konfront tal-imputata Genesia Galea li tilliberha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum, waqt li tapplika l-Artikolu 7 tal-istess Kap fil-konfront tal-imputat Paul Borg u tpoggih taht il-harsien ta’ ufficjal tal-probation ghal zmien tlett snin mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputati r-responsabiltajiet taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------